MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 176/2008

**Ghasan Kaseb, Adal Kaseb u Abouzidan Nadim f`isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` binhom minuri Rayan Abou Zidan**

**vs**

**Il-Principal tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates, Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principal ghall-Immigrazzjoni**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-9 ta` April, 2008.

Rat ir-risposta tal-25 ta` April, 2008.

Ikkunsidrat illi permezz ta` dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitolbu li l-proceduri li permezz taghhom qed jitolbu revoka

*contrario imperio* ta` digriet moghti minn din il-Qorti jintbaghatu quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

Ir-rikorrenti qed jitolbu dan a bazi tal-Art. 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Din il-Qorti tishaq li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami. L-Art. 836(1) japplika fil-kaz ta` talba ghal revoka jew varjazzjoni ta` att kawtelatorju li jkun inhareg. Dan il-kaz m`huwiex hekk.

Ir-rikors promotur hawnhekk qed jitlob lil din il-Qorti biex tirrevoka *contrario imperio* digriet fejn hija cahdet mandat ta` inibizzjoni. L-Art. 836(1) ghalhekk ma japplikax.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talba kontenuta fir-rikors tad-9 ta` April, 2008 u tordna li jitkompla regolarment is-smiegh tar-rikors promotur.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------